K.L.B.L 10/03/2022

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2022 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Żejtun (Città Beland))

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali Żejtun (Città Beland) għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu l-*Bye-Laws* tal-2022 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Żejtun (Città Beland)).

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"ħamiem domestiku" tfisser ħamiem li jkun miżmum f'post ta' abitazzjoni jew xi post ieħor għal skop ta' rikreazzjoni, passatemp jew sport;

"ħamiem selvaġġ" tfisser ħamiem li ma jkunx ħamiem domestiku;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Żejtun (Città Beland);

"lokalità" tfisser il-lokalità taż-Żejtun (Città Beland) kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att.

Mhux permess li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

3.1 F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

3.2 Hu projbit ukoll li persuna tħalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibbli għall-ħamiem.

3.3 Id-dispożizzjonijiet ta' din il-*bye-law* ma japplikawx għal dawk il-persuni li jrabbu jew jieħdu ħsieb ħamiem domestiku.

Proprjetà immobbli abbandunata.

4. Is-sidien ta' proprjetà immobbli abbandunata ġewwa l-lokalità għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma jkunx jista' jidħol jew ibejjet ħamiem selvaġġ ġewwa fiha.

Penalitajiet.

5. Kull persuna li tonqos milli tikkonforma ma' xi

dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* għandha titqies li wettqet kontravvenzjoni u għandha, meta tinstab ħatja, sakemm ma tkunx tapplika penali ogħla taħt xi liġi oħra, teħel:

(a) għall-ewwel kontravvenzjoni ammenda ta' sitta u erbgħin euro, disa' u ħamsin ċenteżmu (€46.59);

(b) għat-tieni kontravvenzjoni jew kull kontravvenzjoni li tiġi wara, ammenda ta' disa' u sittin euro, tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88);

(ċ) f'każ ta' kontravvenzjoni kontinwata, ammenda ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) għal kull jum li matulu tkompli l-kontravvenzjoni.

Miżuri ta' kontroll tat-tkattir.

6. Huwa ukoll legali għall-Kunsill li juża kwalunkwe miżura ta' kontroll tat-tkattir tal-ħamiem disponibbli sabiex inaqqas il-popolazzjoni, dejjem jekk jitqies meħtieġ.